**9 ta' Ottubru, 1963.**

**Imhallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Carmela sive Carrie mart Carmelo Cuschieri

*versus*

L-istess Carmelo Cuschieri

**Separazzjoni personali — Eċċessi — Sevizzji — Swat — Inġurji gravi**

*Fatti li jistgħu jagħtu lok għas-separazzjoni personali minħabba eċċessi, sevizzji, swat, u nġurji gravi, u l-valutazzjoni tagħhom.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' swat, inġurji gravi, eċċessi u sevizzi, u l-ħajja konjugali bejnu u l-attriċi ma hiex imħabba f'dan aktar possibbli, peress illi b'digriet numru 747 tal-1962, l-attriċi ġiet awtorizzata tagħmel din il-kawża mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti (Dok: A), talbet li l-Qorti (1) tippronunzja s-separazzjoni personali bejnha u l-konvenut u dan imħabba swat, inġurji gravi, eċċessi u sevizzi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attriċi, u (2) tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attriċi dik ir-retta alimentarja li tistabilixxi din il-Qorti bil-modalitajiet ta' ħin, ġurnata u lok u (3) li tiddikjara lill-konvenut dekadut għat-terminu tal-artikolu 59 u 60 mid-drittijiet imsemmija fl-artikoli 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attriċi u n-nota tax-xhieda tagħha;

Rat in-nota tal-eċċezzjoni tal-konvenut, li biha qal li d-domandi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex mhux veru li huwa rrenda ruħu ħati ta' swat, inġurji gravi, eċċessi u sevizzji, kif allegat fiċ-ċitazzjoni u li anzi huwa għandu raġunijiet sabiex jitlob is-separazzjoni personali kontra martu, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Semgħat lill-kontendenti bil-ġurament;

Semgħat bil-ġurament ix-xhieda hinc inde prodotti;

Hadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħat lill-Avukati;

Ikkunsidrat:

Mill-att promotorju tal-ġudizzju jidher li l-attriċi qegħda titlob is-separazzjoni personali minn żewġha, il-konvenut, għal, kif allegat, swat, inġurji gravi, eċċessi u sevizzji. Kif kellha okkażjoni tgħid dina l-Qorti fit-trattazzjoni tal-kawża, skond il-liġi l-kawżi jew motivi sabiex wieħed mill-miżżewġin jitlob is-separazzjoni huma indikati skond il-gravità tagħhom progressivament fl-istess liġi u, fil-każ in disamina, il-gradazzjoni progressiva hija dika tal-eċċessi (li jinkludu s-swat) sevizzji, minaċċi u nġurji gravi għalkemm għall-effetti ċivili huma (dawk elenkati) għandhom u jista' jkollhom l-istess konsegwenzi ċivili sanzjonanti li jiġu ffissati skond ċertu poter diskrezzjonali riservat lill-Qorti, għall-għoti dwar l-estensjoni tagħhom.

Illi l-Ġurisprudenza lokali u anki estera fejn il-liġi kontinentali tixbaħ lil-liġi tagħna mbagħad jissuplimentaw il-liġi fis-sens li mentri għall-effetti ċivili a kawża tal-motivi tal-eċċessi huwa biżżejjed li jkun hemm anki każ wieħed, dwar il-motivi l-oħra l-istess iridu jkunu ripetuti u mhux każi isolati. M'hemmx bżonn jingħad li dawn l-atti jridu jkunu vegljati skond iċ-ċirkustanza tal-fatti li taħthom ikunu saru u li jiġu pruvati, mingħajr ma jintnesa wkoll l-isfond soċjali tal-kontendenti u l-atmosfera li fiha jkunu trabbew u jinstabu fl-epoka meta javveraw ruħhom.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl ta' dan li ntqal, jingħad li l-kontendenti huma tfal ta' nies li mnisslin mill-klassi bottegaja ta' ċerta edu-

kazzjoni medja forsi superjuri ftit minn dika tal-ġenituri tagħhom. L-attriċi, li ma tidhirx li hija tifla ħażina, u għandha ċerta edukazzjoni tal-qalb hija sensibbli ħafna u ta' temperament pjuttost psikopatiku b'nervi daqsxejn stiżi u xi ftit, del resto bħan-nisa ta' ħafna klassijiet, bla distinzjoni, isteriku, mentri l-konvenut huwa bniedem ta' edukazzjoni tal-qalb aktar grezza u, kif huwa stess ammetta bla moħba fix-xhieda tiegħu, eċċesivament nervuż li f'ċerti ċirkustanzi kontrarjanti jitlef il-kontrol tiegħu, u, bla ma joħroġ mis-sensi tiegħu u jintilef, eppure jitlalu u jisfoga bil-kliem u anki xi theddida li jagħti xi daqqa lil min jikkuntrastah bla ma jgħaddi għallvjolenza effettiva u wara ftit il-barometru tiegħu jerġa' jiġi fin-normali . Jingħad ukoll li l-konvenut, għalkemm mhux raġel li tista' tgħid li huwa addiritura nkorreġġibbli, wera bilkliem u l-fatti li huwa stess irrakkonta u li joħorġu jew aħjar jistgħu jiġu intraveduti mid-dispożizzjoni tiegħu li huwa għandu intrappredenza, li forsi teċċedi l-limiti tal-korrettezza tal-"gentleman" fl-operazzjonijiet li kien jintrapprendi.

Ikkunsidrat:

Illi l-kontendenti żżewġu fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru, 1954 bla kitba taż-żwieġ għalkemm l-attriċi ġiebet magħha l-ħwejjeġ indikati fid-depożizzjoni tagħha (tal-ħmistax (15) ta' Jannar, 1963) barra minn żewġ tavolini żgħar u lampa tas-sieq, li hija mhiex ċerta li ġiebithom u tħallsu minnha. L-oġġeti li ġiebet l-attriċi jinstabu fil-pussess tagħha. Tfal minn dana ż-żwieġ ma kienx hemm. Fid-depożizzjoni tiegħu l-konvenut qal li huwa għandu ħamsa u tletin (35) sena mentri l-attriċi għandha tlieta u erbgħin (43) sena u fuq hekk ma ġiex merut. L-inċident li sseparahom ġara fis-sittax (16) ta' Lulju 1962 u "per se" kien inċident banali imma kien preċedut għal żmien relativament twil minn ħafna inċidenti oħra dispjaċevoli, li sejrin jiġu kommentati aktar tard. L-atriċi allontanat ruħha mid-dar konjugali fit-tlieta u għoxrin (23) ta'

*Lulju, 1962 u ħalliet biljett lill-konvenut fis-sens li kienet sejra titilqu* u huwa kien sejjer ikun jaf aktar tard.

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi fid-depożizzjoni tagħha rrakkontat serji ta' fatti li xi wħud minnhom tinsab korroborata minn xhieda estranei jew li ġew kandidament ammessi mill-konvenut imma ċerti fatti oħra alkwantu serji fejn setgħet tiġi korroborata jekk mhux direttament almenu ndirettament tinsab isolata u oħrajn, dawk ta' l-intimità familjari, tinsab meruta mill-istess żewġha barra minn xi wħud ammessi anki minnu. Dina l-Qorti li kellha l-okkażjoni tisma' progressivament il-provi kollha "viva voce" tħoss li għalkemm fuq il-fatti tat il-versjoni tagħha skond il-verità soġġettiva nnotat sew ineżattezzi sew ċertu kargar u kolorit lill-fatti li huma sostanzjalment veri u da parti tiegħu l-konvenut meta ddepona wera kemm ma jik-*kontrollax ruħu u jitlef it-tempra faċilment u jisplodi għal* kwalunkwe mistoqsija li saritlu mill-Avukat tal-attriċi għalkemm kien ġenwin u kandidu f'ħafna ċirkustanzi meta ġie mħolli jagħmel trankwillament id-dikjarazzjonijiet tiegħu;

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-eċċessi jingħad li l-konvenut ammetta li ta *daqqa ta' palju fit-triq lill-attriċi* fuq xoffitha għalkemm qal — dak li mhux ammessa mill-attriċi — li dan kien dovut l-għaliex l-attriċi pprovokatu bit-tgergir. Inoltri ammetta li meta darba kienu fis-sodda konjugali bl-istess skuża ta' qabel, ta daqqa u għamlilha tbenġila żgħira. Fl-aħħarnett qal ukoll li darba waqt l-att konjugali weġġagħha mhux għax ried imma l-għaliex huwa għandu l-inklinazzjoni f'dawk l-operazzjonijiet jew franġenti jaqbdu speċi ta' **"spasimu"** b'liema espressjoni, taħseb dina l-Qorti, li l-konvenut ried ifisser li jaqbdu dak li korrettament jissejjaħ **"orgasmo"**. Barra minn dawn l-okkażjoni-

jiet li ammetta l-konvenut l-attriċi semmiet okkażjonijiet oħra u ċioè li darba straxnaha għat-tul kollu tal-intrata tad-dar (ara depożizzjoni attriċi tat-tlieta (3) ta' Awissu, 1963) u l-fatt li kien jintappala ħalqha b'idu jew b'imħadda biex ma tgħajjatx (ara l-istess depożizzjoni msemmija) u dwar l-orgasmu li semma' l-istess konvenut kieku l-istess ikun moderat u ma jikkonvertiex ruħu fi swat saddistiku bħal ma tallega l-attriċi kieku dak il-fatt ma kienx ikun jifforma materja għal kwerela. Huwa fatt li ma ġiex merut mill-konvenut li l-attriċi lmentat li kull darba li kien ikollu relazzjonijiet magħha wara l-att komplet kien jaqbad jiġġieled magħha. Dawn il-fatti rakkontati mill-attriċi huma ta' min jagħtihom kreditu in vista tal-karattru tal-konvenut deskritt minnu stess kif fuq intqal fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Settembru, 1963. Ikkorroboraw indirettament l-attriċi t-tabib Dr. G. Zammit Maempel u Felicia Micallef.

Illi kwindi dina l-Qorti hija tal-fehma li mill-parti tal-konvenut kien hemm serji ta' fatti eċċessivi.

Ikkunsidrat:

Illi dwar is-sevizzji jingħad li l-provi huma abbondanti kontra l-konvenut, li huwa daqsxejn bniedem goff fl-aġir tiegħu. Huwa fatt li l-aġir tiegħu kien tali li jweġġa' l-qalb tal-konsoċjati tiegħu fiż-żwieġ. Infatti x-xhieda Anthony Borg. Rita Borg, Saverio Amato, Ġuża Amato, Stella Scicluna, Paul Scicluna, Achille Spiteri, Adelina Galea, Giovanna Galea, Ineż Cassano apparti l-attriċi. Infatti mhux biss kien jiksirha ta' xejn b'xejn fil-kumpanija ta' ħbiebu u ħbiebha imma kien ikellimha volgarment u ġie wkoll li dagħa d-dar. L-attriċi qalet li huwa kien iħajjarha biex tmur ma' l-irġiel, u ma ċertu ndividwati sabiex tagħmlu sinjur imma f'dina l-kwerela l-attriċi mhix koroborata u hija kontradetta minn żewġha. L-attriċi però mhix meruta u kontradetta mill-konvenut meta qalet l

dan l-aħħar imsemmi meta kien marid b'xi glandoli riedha — kontra l-parir tat-tabib — torqod miegħu u ried ikollu x'jaqsam magħha, daka li jikkostitwixxi sevizzja.

Illi kwindi m'hemmx kwistjoni li l-konvenut ikkommetta sevizzji fuq l-attriċi.

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta wkoll li l-konvenut inġurja lill-attriċi billi qallha xi kliem li normalment iweġġa' bħal kelma volgari għal mara tat-triq; xkupa u qal l-ewwel inġurja għal ommha mejta kif xehdet ix-xhud Cassano li l-konvenut ikkontradika dawn il-fatti u kliem imma li l-Qorti tħoss li għandha temminhom l-għaliex dika l-istess xhud ma jistax ikollha interess bħal ma għandu l-konvenut. Del resto anki l-attriċi qalet li kien jinġurjaha. Dawn l-inġurji għalkemm mhux gravissimi imma anki fl-isfond tal-kondizzjoni attwali u ta' meta ġew proferiti huma serji imma pjuttost jidħlu taħt is-sevizzji l-għaliex, kif huwa risaput, ħafna drabi l-motivi ta' separazzjoni huma konfinati u l-linja ta' demarkazzjoni bejniethom hija tant sottili li l-istess fatti jistgħu jidħlu fil-konfini rispettivi ndividwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi kkwerelat ruħha li darba waħda l-konvenut ipprova jaġixxi sodomitikament magħha. Dina l-kwerela li tikkonċerni l-ħajja familjari u ntima hija negata mill-konvenut. Dina l-Qorti fuq dana l-punt tħoss li dak li qalet l-attriċi kien inċert u qalitu b'titubanzi u kwindi ma tħossiex li tista' tkun moralment ċerta li ġara.

Illi kwerela oħra li ġiebet 'il quddiem l-attriċi tirrigwarda l-inċident, biex hekk insejħulu Fenech. Fuq dana l-inċident l-attriċi tinsab kontradetta tant mill-konvenut kemm mill-istess

Fenech, li ġie avvertit mill-Qorti li seta' ma jwieġibx għal mistoqsijiet li setgħu, se mai, juru t-turpitudini tiegħu u huwa għażel li jirrispondi u nnega l-fatti deposti mill-attriċi bħala provokati minn żewġha. Del resto l-attriċi fid-depożizzjoni tagħha tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Awissu, 1963, qalet li żewġha meta kienu fil-karrozza ma Fenech imbuttaha fil-ħoġor ta' Fenech u ġalha tqiegħed idha fuq il-persuna ta' Fenech li deherliha li kellu l-membru tiegħu barra mill-qalziet u mhux fuq dak il-membru fuq il-ħwejjeġ. Imbagħad fid-depożizzjoni li tat fit-tlieta (3) ta' Awissu, 1963, jidher li qalet bla inċertezzi li żewġha qegħdilha idha fuq il-membru virili ta' Fenech waqt li dak il-membru barra l-qalziet. Dana ċertament ma juriex armonija u jista' jagħti fiduċja. Anki fil-konfront ta' l-attriċi ma Fenech fuq dana l-punt l-attriċi ma ispiratx ċertezza minn dak li kienet qegħda tgħid f'min kien qiegħed jismagħha.

Illi kwindi dawna ż-żewġ kwereli attriċi ma jistgħux jiġu, fuq il-provi li hemm, aċċettati.

Illi kwindi mill-premess jidher li għar-raġunijiet li ntqalu l-konvenut kien ħati — fl-assenza ta' provi kontra l-attriċi — ta' eċċessi u sevizzji versu l-instanti.

Illi l-attriċi għandha ċertament id-dritt għall-alimenti mingħand żewġha. L-alimenti skond il-liġi jikkomprendu l-għixien, l-ilbies u l-abitazzjoni li trid tkun konfaċenti għal grad soċjali tar-raġel tagħha mingħajr ma jintnesa l-istat finanzjarju tiegħu.

Illi l-konvenut għandu mill-impieg tal-Gvern fejn jaħdem erba' mija u sebgħin lira (£470) fis-sena preżentement; minnhom iridu jitnaqqsu xelin u tmien soldi (1/8d) fil-ġimgħa tan-National Insurance u erbatax-il xelin u seba' soldi (14s/7) fix-xahar tal-Widows & Orphans Funds apparti l-

bolli tar-riċevuti tas-Salarju kull xahar (ara depożizzjoni Michael Aquilina fol. 75). Oltri dana s-salarju l-konvenut għandu in enfitewsi temporanea dar Fleur-de-Lys, B'Kara fejn kienet id-dar konjugali li llum tinsab mhux abitata u għalkemm il-konvenut irid iħallas iċ-ċens tagħha jew tista' tinkera jew tinbiegħ minnu. Il-konvenut inoltri għandu diversi dejn (ara fol. 128) li huwa jrid iħallas.

Illi huwa għalhekk li fil-ħsieb ta' dina l-Qorti bħala alimenti l-konvenut ma jistax jagħti lill-attriċi aktar minn nofs lira (10s/-) kuljum bħala retta alimentari.

Ikkunsidrat:

Illi dwar is-sanzjonijiet jingħad li l-konvenut għandu, skond l-artikolu 59 tal-Kodiċi Ċivili, jiddekadi mid-drittijiet kontemplati fl-artikolu 56(1)(b)(c) u (d) u (2) tal-istess Istatut Ċivili u l-attriċi jkollha d-drittijiet kontemplati fl-artikolu 64 tal-Kodiċi Ċivili, li jiġu lilha mogħtija.

Għal dawna r-raġunijiet:

Taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara u tippronunzja l-firda bejn iż-żewġ kontendenti għal motivi ta' eċċessi u sevizzji prattikati mill-konvenut fuq l-attriċi; tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi nofs lira (10s/-) kull jum li għandha titħallas kull xahar bil-quddiem f'dar l-attriċi minn dak il-jum li jesawrixxu ruħhom l-alimenti provviżorji li kunsenswalment il-konvenut qiegħed jagħti lill-attriċi u fl-aħħarnett tiddikjara lill-konvenut dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-artikolu 59 u 56(1)(b)(c) u (d) u (2) tal-Kodiċi Ċivili akkordati lill-attriċi d-drittijiet kontemplati fl-artikolu 64 tal-Kapitolu 23.

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut barra mill-aħħar taħrika, smigħ u traskrizzjoni tax-xhud Fenech, meta

xehed in konfront ma l-attriċi fl-aħħar seduta tat-tmienja (8) ta' Ottubru, 1963, li għandhom jibqgħu għall-attriċi.